MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 560/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Polidano Borther Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta gall-hlas tas-somma ta’ tlett elef u tmienja u sittin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (LM3,068.76,0), liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma’ hsarat ikkagunati unikament tort tas-socjeta’ konvenuta, f’cables tas-socjeta’ attrici fi Triq Manwel Dimech Sliema, Malta f’Novembru tas-sena 2004 u dan skond kif jirrizulta mill-anness dokument immarkat Dok A;**

**Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra ufficcjali datata it-3 ta' mejju tas-sena 2005 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficcjali, kontra s-socjeta' konvenut li minn issa hija ngunta ghas-subbizzjoni taghha;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-21 ta' Marzu tas-sena 2006 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------